MINUTI
KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA
KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

IT-TIENI LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU TLIETA

19 ta' Awwissu, 2014

Il-Membri kif tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, l-Viċi Chairperson Maria Schembri u l-membru Marylyn Sammut.

ASSENTI

Il-Membru Joseph D'Amato.

UFFIĊJAL PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

MINUTI

3.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti

3.1.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia staqsa jekk il-Kumitat Amministrattiv irċeviex xi risposta fuq ogħti ta' wiċċ ġdid fi Triq Fra Gan Marie Zammit. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv. Kien hemm qbil li terġa tintbgħat reminder tal-każ.

3.1.2 Fir-rigward tal-proposta li l-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra kien għamel lill-Kunsill Lokali fuq tqassim ta' avviżi lir-residenti biex jerġgħu jiġu nfurmati li l-iskart mhux qed jinġabar kull nhar ta' Tlieta u Ħamis, iċ-Chairperson Pierre Farrugia nforma li l-Kunsill qabel mal-proposta u l-Kumpanija Green Pak, bidet tqassam l-avviżi bieb bieb. U kull nhar ta' Ħamis rappreżentant mill-Green Pak, qed imur

iħabbat lir-residenti li jkollhom il-borża s-sewda barra, fil-ġranet li ma jinġabarx skart.

3.1.3 Fir-rigward ta' skart madwar il-Bring in site fi Triq Kalang Bugeja, ġie innutat li l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart qed jieħu ħsieb li jnaddaf madwar is-sit kull filgħodu. Imma ċertu residenti xorta qed iħallu l-iskart tagħhom madwar is-sit. Iċ-Chairperson qal li l-Kunsill ser ikollu laqgħa ma' rappreżentanti tar-Reġjun Nofsinhar li qed joffru CCTV bla ħlas lill-Kunsilli Lokali. Aktar informazzjoni titressaq f'seduta oħra.

3.1.4 Ġew approvati l-minuti tat-tieni seduta ta' din il-leġislatura.

**3.2 Ilmenti**

3.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ġiebed l-attenzjoni tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li l-kuntratt tal-patching mal-kumpanija Polidano Brothers ma ġiex imġedded u ser toħroġ sejħa ġdida.

3.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ressaq ilment minn residenti ta' Triq Dun Gejt Muscat li qed joqgħodilhom l-ilma quddiem ir-residenza tagħhom. Hu qal li għamel appuntament mal-Kuntrattur li ħadem it-triq biex jitlob parir ta' x'jista jsir biex tissolva tali problema.

3.2.3 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ssuġġerixxa li l-Kumitat Amministrattiv jitlob stima ta' manutenzjoni tal-istatwa ta' Santa Marija f'Bubaqra lill-Kumpanija Camray Ltd, minħabba li tali kumpanija tagħmel diversi xogħol ta' restawr. Kien hemm qbil li tali stima tkun imqassma lill-membri kollha u jekk ikun hemm qbil ix-xogħol jiġi ordnat mill-ewwel biex ma jilħaqx jibda l-maltemp.

3.2.4 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li bi żvista ħadd mill-membri ma' ftakar fil-festa ta' Santa Marija f'Bubaqra, imma hu nhar jum il-festa ikkuntatja lill-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart biex ipoġġi kontenituri tal-iskart fil-misraħ u jnaddaf wara l-festa. Il-kuntrattur Gejtu Galea aċċetta u għamel ix-xogħol meħtieġ. Ta' dan irringrazzjah.

3.2.5 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li l-membru Joseph D'Amato kellu jimmarka t-toroq ta' bla wiċċ f'Bubaqra biex jitressqu għall-attenzjoni tat-TM.

3.2.6 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li għalkemm madwar il-bring in site ta' Triq Kalang Bugeja qed jitnaddaf kull filgħodu, ċertu residenti xorta qed iħallu l-iskart tagħhom wara l-ħin li jinġabar l-iskart jew fil-ġranet li ma jinġabarx.

**3.4 Appuntament għas-Seduta li jmiss**

Id-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar it-Tnejn 22 ta' Settembru, 2014 fil-5.30pm.

Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-6.05 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum __ ta' Settembru, 2014

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**